MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 281/2013

**A B**

**vs**

**C D;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**

**b'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 l-istess C D giet nominata**

**bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri E illum maghrufa bil-kunjom B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li jaqra kif gej:-

A. Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata, C D fit-tletin (30) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u disghin (1993);

2. Illi l-attur issepara de facto minn ma' martu, l-intimata fis-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u minn dak iz-zmien qatt ma kellu relazzjoni intima maghha;

3. Illi l-istess zwieg gie iddikjarat null fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003) permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

4. Illi nell' frattemp, l-intimata kienet tghix u kellha relazzjoni extra-matrimonjali, ma' certu F G, li minnha twieldet titla, E, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn (2000), u li llum ghandha tlettax-il sena;

5. Illi l-imsemmija minuri E giet irregistrata bl-Att tat- Twelid numru 4168/2000 bhala bint ir-rikorrent, (kopja ta' liema Att ta' Twelid qieghed jigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A(i)' stante illi l-originali diga jifforma parti minn dan il-process) u dan abbazi tal-fatt illi r-rikorrenti u l-intimata kienu ghadhom legalment mizzewgin sal-istess data;

6. Illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tal-minuri, l-kontendenti kienu separati de facto u fl-ebda hin ma kienu regghu inghaqdu, anke jekk biss temporanjament;

7. Illi dan kien ikkonfermat mill-intimata C D fir-risposta taghha ghar-rikors promutur tar-rikorrent, vera kopja ta' liema qed tigi hawn anness u mmarkata bhala 'Dok A(ii);

8. Illi l-imsemmija minuri E tirrikonoxxi lill-istess F G bhala missierha, u huwa l-istess F G li ha hsieb lill-minuri bhala bintu;

9. Illi l-missier biologiku tal-minuri, F G kien beda proceduri legali sabiex jirrikonoxxi l-minuri bhala bintu, liema kawza kienet iggib in-numru 418/04 u kienet preseduta mill-Onorabbli Imhallef Noel Cuschieri, pero liema kawza waqet dezerta f’Awwissu elfejn u disgha (2009) ghal ragunijiet illi r-rikorrenti mhux a konoxxenza taghhom;

10. Illi kien hemm dikjarazzjonijiet diversi drabi illi l-minuri E hija l-wild naturali ta' F G, u dan kif jixhdu s-sentenzi Pulizija vs F G, deciza tal-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u sebgha

(2007) mill-Magistrat Dr Miriam Hayman u li ggib numru 140/2004, kif ukoll is-sentenza tal-ismijiet Il-Pulizija vs. F G, deciza fl-erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u disgha (2009) deciza mill-Onorabbli Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 244/2007;

11. Illi ghaldaqstant r-rikorrent irid illi l-imsemmija minuri E maghrufa bil-kunjom B ma tibqax maghrufa bhala bintu, state illi kjarament, dan mhux il-kaz;

12. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza tar-rikorrent;

13. Illi r-rikorrenti inghata awtorizzazzjoni jipprocedi b'din il-kawza ai termini tal-artikolu tlieta u sebghin (73) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat sbatax (17) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013).

B. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri

Ghalhekk r-rikorrent qieghed jaghmel din il-kawza sabiex l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B ma hijiex bint ir-rikorrent, u tordna illi ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid relattiv, stante illi jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita bejn r-rikorrent u l-imsemmija minuri;

C. Talbiet Attrici

Ghaldaqstant r-rikorrent, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lill-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera, okkorrendo, ta' periti nominandi, tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B ma hijiex bint r-rikorrent;

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 4168/2000 jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "Taghrif dwar Missier it-Tarbija", isem u kunjom r-rikorrent, l-eta u l-konnotati dwar fejn l-istess rikorrent twieled u joqghod, u dwar missier ir-rikorrent, b'mod li l-minuri E maghrufa bil-kunjom B tigi ddikjarata bint missier mhux maghruf, jew bint terza persuna illi tista' talvolta tirrizulta, billi jigi ordnat lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva;

3. Tordna illi kunjom it-tifla minuri jigi sosstitwit minn 'B' ghal dak ta' l-omm, l-intimata, jew kunjom terza persuna illi tista talvolta tirrizulta bhala l-missier naturali tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li taqra kif gej:-

1. Illi huwa minnu illi l-eccipjenti izzewget lill-attur fit-30 ta' Ottubru tas-sena 1993;

2. Illi huwa minnu illi l-attur issepara de facto minn ma' l-eccipjenti fis-sena 1995 u konsegwentament qatt ma' kellu relazzjoni intima maghha;

3. Illi huwa minnu li z-zwieg gie ddikjarat null.

4. Illi konsegwentament il-minuri E B mhijiex il-wild bijologiku ta' l-attur stante l-fatt li l-minuri twieldet fis-27 ta' Ottubru tas-sena 2000 u kif diga inghad iktar hawn fuq l-eccipjenti mis-sena 1995 u cioe' minn meta l-attur issepara de facto minn ma' l-eccipjenti, l-eccipjenti qatt ma kellha relazzjoni intima mal-attur u ghalhekk per forza illi l-minuri ma setghatx tkun il-wild bijologiku ta' l-attur;

5. Illi meta twieldet il-rninuri rninkejja li l-kontendenti kienu ilhom hames snin separati de facto, kienu ghadhom mhux separati legalment u konsegwentament il-minuri E B giet registrata fuq isem ir-ragel ta' l-eccipjenti u cioe' l-attur;

6. Illi mhux minnu u qieghed michud kategorikament li F G qatt ha hsieb lill-minuri E B u fil-fatt il-rninuri E B qatt ma harset lejn dan l-imsemrni F G bhala l-missier taghha;

7. Illi huwa minnu li dan certu F G beda proceduri ta' rikonoxximent imma fl-istess hin ghal ragunijiet insaputi ta' l-eccipjenti huwa abbanduna l-kawza li beda huwa stess;

8. Illi dan F G huwa ragel vjolenti kif ikkonfermat rnis-sentenzi kriminali u anke wehel il-piena ta' prigunerija fuq vjolenza;

9. Illi l-minuri E B ghandha tlettax-il sena illum il-gurnata u dejjem kienet maghrufa bhala B ghalhekk ma jkunx idoneju u zgur mhux fl-ahjar interessi tal-minuri illi lum il-gurnata tbiddel kunjoma ghal kunjom iehor.

Illi ghaldaqstant fir-rigward tat-talbiet attrici l-eccipjenti urnilment tiddikjara lil dina Onorabbli Qorti illi:

1. Ma topponiex l-ewwel talba attrici li jigi ddikjarat li l-minuri E B mhux il-wild bijologiku ta' l-attur;

2. Ma topponiex illi l-Att ta' Twelid Numru 4168/2000 jigi korrett fis-sens illi jigi korrett bil-mod kif indikat fit-talba attrici;

3. Illi topponi illi l-kunjom tal-rninuri E B jigi sostitwit ghal dak ta' l-omm, jew kunjom terza persuna illi tista' tal volta tirrizulta bhala l-missier naturali tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur illi minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku:-

1. Illi in vena preliminari huwa essenzjali ghall-integrita tal-gudizzju li F G jkun imsejjah fil-kawza galadarba f'din l-istanza qed jinghad mill-attur illi l-minuri E B hija wild ta' l-imsemmi F G;

2. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda rnic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligiji t ta' Malta;

3. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti

ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti. Madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna 1-esponenti jhossu opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha taht l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proccduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analazi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Fatti li taw lok ghall-Kawza.**

Milli provi jirrizulta illi l-attur u l-konvenuta kienu zzewgu fit-30 ta’ Ottubru 1993. Huma damu jirrisjedu flimkien sentejn u fl-1995 isseparaw de facto izda ma hadu l-ebda azzjoni sabiex jifformalizzaw is-separazzjoni personali taghhom. Sadanittant il-konvenuta kellha relazzjoni ma’ haddiehor u weldet lill-minuri fis-27 ta’ Ottubru 2000. Peress illi skont ir-registru pubbliku l-attur u l-konvenuta kienu ghadhom jidhru bhala persuni mizzewga mhux separati bis-sahha tal-ligi l-attur gie registrat bhala missier it-tarbija.

Jirrizulta illi f’xi zmien it-terza persuna li mieghu il-konvenuta kellha relazzjoni wara li z-zwieg taghha minn mal-attur tkisser kienet istitwiet kawza sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri izda ghal xi raguni mhux maghrufa dik il-kawza kienet giet abbandunata.

Kien ghalhekk illi l-attur istitwixxa l-kawza odjerna sabiex jigi dikjarat li hu ma hux il-missier naturali tal-minuri .

Il-konvenuta omm taqbel li l-attur ma hux il-missier tat-tarbija taghha.

Fil-mori tal-kawza l-attur u l-konvenuta ftehmu illi jikkoperaw sabiex isiru t-testijiet tad-DNA fuqhom u fuq il-minuri. Xehed Christopher Farrugia, Konsulent tax-Xjenza Forensika:

"L-esponent ippreleva kampjuni orali minn fuq A B K.I. 396673(M), l-omm C D, K.I. 437570(M), imwielda fit-13 ta' Frar 1971, u minn fuq il-wild E li twieled fis-27 ta' Ottubru 2000.

Dawn il-kampjuni ttiehdu wara li nghataw l-kunsensi pertinenti tal-partijiet fil-prezenza ta' xulxin fis-17 ta' Novembru 2014.

Ghat-tifla E, il-kunsens inghata minn ommha C D.

Dawn il-kampjuni orali gew issigillati f enveloppi ufficjali u ffirmati rnill-esponent fil-prezenza tal-partijiet u wara gew moghdija lill-Ispizjar Marisa Cassar ghall-analizi u t-tqabbil ta' profili genetici."[1]

L-analizi xjentifika saret minn Dr Marisa Cassar illi r-rilaxxjat rapport tad-DNA fil-25 ta' Novembru 2014 li gie kkonfermat b'affidavit datat 3 ta' Dicembru 2014.[2]

**L-Azzjoni Attrici u l-Provvedimenti Legali applikabbli.**

[1] Affidavit a fol. 95
[2] DNA test a fol. 84

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi :-

"(1) Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ –

(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u lmija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien flimpossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew

(b) jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu: Iżda ma jistax jiċħad lit-tifel jekk matul dak iż- żmien ikun reġa' ngħaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew

(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew

(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u ttwelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.

(2) Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li żewġha mhux missier it-tifel għandha tingħata konsiderazzjoni f 'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-paternità tar-raġel.

(3) (Imħassar bl-Att XV. 2012.4).

- omissis -

(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso talartikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni talFamilja) tiddikjara illi r-raġel mhux il-missier naturali tat-tifel,

din għandu jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tat-tifel u tad-dixxendenti tiegħu minn dak tar-raġel għall-kunjom xbubit l-omm."

**Artikolu 70A.**

"(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –

(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

- omissis -

li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."

**Artikolu 75.**

"(1) L-azzjoni sabiex tinċaħad il-paternità għandha titmexxa –

(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew

(b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu.

(2) F'kull każ, l-omm għandha tiġi msejħa fil-kawża."

**Artikolu 73**.

"Fil-każijiet illi r-raġel jista' jagħmel kawża sabiex jiċħad li jagħraf tifel bħala ibnu, hu għandu jagħmel l-azzjoni:

(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;

(b) fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;

(ċ) fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 70(4), il-Qorti tal-Familja tista', wara li jsir rikors mir-raġel u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-raġel u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizza lir-raġel biex jibda kawża biex jiċħad tifel imwieled matul iż-żwieġ lil martu:

Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud tifel issir mir-raġel wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."

**Konsiderazzjonijiet**.

Ezaminati l-provi mressqa u l-provvedimenti legali applikabbli il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti stante li l-premessi attrici gew sodisfacentement ippruvati.

Tresqet il-prova illi mit-twelid taghha il-minuri qatt ma kienet meqjusa li hi wild l-attur. L-attur u l-konvenuta kienu gia' ilhom tlett snin jghixu 'l boghod minn xulxin meta t-tifla twieldet. Isegwi ghalhekk illi l-minuri qatt ma kellha l-istat li hija bint l-attur.

It-test xjentifiku huwa llum il-gurnata l-aqwa prova f'kawzi ta' filjazzjoni. It-test tad-DNA kondott minn Dr Marisa Cassar stabbilixxa minghajr ebda ombra ta' dubju illi l-attur ma hux missier il-minuri bint il-konvenuta.

Stabbilit li t-tifla ma hijiex bint l-attur jonqos biss jigi deciz illi jekk mal-pronunzjament tad-decizzjoni l-minuri ghandhiex izomm kunjom l-attur jew inkella ghandhiex tiehu minflok kunjom il-konvenuta ta' xebba.

L-attur qed jitlob li t-tifla m'ghandhiex ikompli jgib il-kunjom tieghu. Fil-kors tal-kawza l-omm bidlet il-posizzjoni inizjali taghha. Fil-bidu tal-kawza kienet qed topponi li t-tifla jinbidillha kunjomha. Izda lejn l-ahhar tal-kawza iddikjarat illi ma kinitx aktar qed topponi t-talba tal-attur u li ghalhekk xtaqet li bintha tassumi kunjomha ta' xebba.

Kif rajna supra l-artikolu li jirregola dan l-aspett tal-vertenza huwa proviso fl-Artikolu 73 li jipprovdi illi : "…..meta kawża sabiex jiġi miċħud tifel issir mir-raġel wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra. "

Jirrizulta ghalhekk illi **bhala regola**, una volta kawza ta' *denegata paternita*' tigi intavolata aktar tard minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, il-minuri ghandu jibqa' jzomm kujomu. Il-Qorti pero' hija moghtija l-poter illi tikkonsidra illi anke f'tali cirkostanzi tbiddel kunjom il-minuri.

Sew l-attur kif ukoll l-omm jaqblu illi mal-akkoljiment tat-talba ghal denegata paternita' t-tifla ghandha tiehu kunjom xbubit ommha. Il-Qorti ikkunsidrat illi din it-talba hija fl-interess

tal-minuri. Jirrizulta illi b'sentenza tal-25 ta' Marzu 2003 il-Qorti iddikjarat illi z-zwieg ta' bejn l-attur u l-konvenuta kien null. Isegwi ghalhekk illi mhux biss il-minuri ma hiex bint l-attur izda jirrizulta wkoll illi l-attur fil-fatt qatt ma kien mizzewweg lill-omm it-tifla. L-attur m'ghandu l-ebda relazzjoni mat-tifla u qatt ma kien jaghmel parti minn hajjet it-tifla. Konsegwentement ma jkunx fl-interess tal-minuri li tkompli zzomm kunjom ta' persuna li maghha m'ghandha l-ebda relazzjoni ta' filjazzjoni. Bl-akkoljiment tat-talba ghal bdil fil-kunjom tat-tifla, il-minuri ser ikollha l-istess kunjom bhal ommha.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez l-attur jitlob illi l-ispejjez ghandha tbatihom il-konvenuta filwaqt li l-konvenuta qed titlob li ma tigiex akkollata l-ispejjez tal-kawza.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-konvenuta kellha t-tifla E circa tlett snin wara li l-partijiet kienu ilhom separati de facto ghal numru ta' snin. Il-fatt li la l-attur u lanqas il-konvenuta ma kienu hadu passi sabiex jirregolarizzaw is-separazzjoni personali taghhom iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi il-htiega li ssir il-kawza prezenti ma jistax jitqies li kien tort uniku tal-konvenuta. Ghalhekk il-Qorti ser tiehu l-konsiderazzjoni appena maghmula fid-decizzjoni tal-kap tal-ispejjez.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mir-risposti tal-konvenuta u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi l-minuri E ma hiex bint l-attur.

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid numru 4168/2000 jigi korrett billi isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati, jigu kancellati l-kliem 'the said', u tordna li minflok isem l-attur jitnizzlu l-kliem 'missier mhux maghruf'.

3. Tordna li t-tifla E tkun maghrufa bil-kunjom "D".

Dwar il-kap tal-ispejjez, tordna li l-attur ihallas l-ispejjez tieghu filwaqt li l-konvenuta thallas l-ispejjez taghha u l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------